## Għalfejn immorru l-Knisja?

Raġel li kien imur il-knisja kull nhar ta' Ħadd kiteb ittra lill-editur ta' gazzetta fejn qallu li ma kienx għadu jagħmel sens li nibqgħu immorru l-Quddiesa.

"Ili mmur 30 sena issa," kiteb. "Nikkalkula li smajt madwar 3000 priedka u xi daqshekk ieħor tqarbin, imma f'ġieħ kemm hemm, ma niftakarx priedka waħda u ma narax x'bidla għamel dak it-tqarbin kollu fija. Issa wasalt fil-konklużjoni li ma nitlifx iżjed żmien, u ninkuraġġixxi li lanqas il-qassisin m'għandhom ikomplu jitilfu żmien fi priedki u ġesti li ma jiftakar ħadd!"

Din l-ittra ħolqot kontroversja sħiħa fil-paġni ta' *L-Ittri lill-Editur* u dan ħa gost ferm biha għax damet sejra ġimgħat sħaħ.

Imma kien hemm xi ħadd li kiteb dan li ġej: "Jien ili miżżewweġ 30 sena. F'daż-żmien kollu il-mara tiegħi sajritli madwar 32,000 ikla, imma f'ġieħ kemm hemm, ma niftakarx il-menu sħiħ ta' ikla, imqar waħda minn dawk l-ikliet kollha. Imma ħaġa waħda naf fiċ-ċert ... L-ikliet kollha li għamlitli marti tawni n-nutriment li kelli bżonn biex ngħix u naħdem tul dawn is-snin kollha. Kieku ma sajritlix, kieku llum FIŻIKAMENT mejjet. L-istess kieku ma mortx nisma' l-Kelma ta' Alla u nersaq għat-Tqarbin biex hekk nieħu n-nutriment tagħhom, kieku illum jiena SPIRITWALMENT mejjet.

Meta ma jibqagħlna XEJN lejn xiex inħarsu...
Alla jkun qiegħed ilestilna XI ĦAĠA!

Il-Fidi tara dak li ma jidhirx,
temmen dak li ma jitwemminx,
u tingħata minn id Alla,
li għalih xejn mhu impossibbli.

Grazzi Mulej, talli tipprovdilna
IL-KELMA U L-EWKARISTIJA
dak li tassew iżommna ħajjin,
kemm FIŻIKAMENT u SPIRITWALMENT!



Disinn u Stampar: Veritas Press, Zabbar. Tel: 21 822 270



# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL ĦAL SAFI

Tel: 21649223



*Messaġġ tal-Kappillan*

## IŻŻUR LILL-MORDA

***Għemil bi tradizzjoni glorjuża li jrid jibqa' jisfidana***

Fit-tradizzjoni Nisranija Kattolika, wieħed malajr jista' jintebaħ li tul iż-żminijiet ġew mwaqqfa ħafna istituzzjonijiet għall-kura tal-morda: diversi rġiel u nisa li kkonsagraw ħajjithom għal Alla għexu din is-sejħa wkoll billi ddedikaw ħajjithom kollha għall-kura tal-anzjani u l-morda. Ma naħsibx li nkunu żbaljati jekk ngħidu li din l-opra tal-ħniena hija żgur tabilħaqq waħda mill-glorji tal-Knisja Kattolika! Biss il-Papa San Ġwanni Pawlu II ifakkarna li soluzzjonijiet istituzzjonali biss mhumiex biżżejjed. Fil-proċess tal-fejqan tiegħu mill-attentat fuq ħajtu, il-Papa stqarr li kellu x-xorti li jinnota li t-tobba kienu ta' spiss jitkellmu minnu bħala 'każ' u dan kienu jagħmluh quddiemu stess, imma fl-istess waqt qatt ma kienu jinkluduh fil-konverżazzjoni. F'dan id-dawl hu jistqarr li waqt li dejjem għandu jkun hemm il-professjonalità meħtieġa, imma hu daqstant ieħor importanti li l-pazjent iħoss li hu ħafna aktar minn sempliċiment "każ". Għaldaqtant meta rkupra sew dan il-Papa qaddis kiteb eżortazzjoni mqanqla dwar it-tifsira tat-tbatija umana, *Salvifici Doloris*, u fiha jistqarr: *"L-istituzzjonijiet huma importanti u meħtieġa ħafna, iżda ebda istituzzjoni fiha nfisha ma tista' tieħu l-post tal-qalb tal-bniedem u tal-mogħdrija tal-bniedem għat-tbatija ta' ħaddieħor."* (SD 29). Dan ma jfissirx li kull persuna għandha jkollha l-vokazzjoni speċifika għall-attenzjoni sħiħa u l-kura tal-morda, imma li kull persuna għandha tieħu interess fil-morda u tara li takkumpanjahom b'xi mod f'din il-fażi dgħajfa u għalhekk diffiċli ta' ħajjithom. Għaldaqstant aħna, bħala nsara, għandna naraw li nħarsu u nħeġġu għal aktar liġijiet ġusti u servizzi etiċi tajbin relatati mal-qasam tas-saħħa u l-kura mill-mard, waqt li fir-rigward ta' kulmin jinsab jirċievi xi kura, nagħmlu ħilitna biex inżuruh u ninkuraġġuh f'dawn il-mumenti xejn sbieħ.

***Nindunaw bl-Iskużi, bil-Biża' u bl-Apatija li jżommuna lura milli nwettqu dan il-ġest***

Imma qabel nimxu biex naraw kif, ta' min nirriflettu ftit dwar xi raġunijiet li, kemm bħala lajċi u kemm bħala saċerdoti, jistgħu itellfuna bis-sħiħ milli nwettqu din l-opra tal-ħniena, u hekk nispiċċaw nittraskurawha u niżvalutaw l-importanza tagħha:

1. *Ma nqisuhiex bħala Prijorità* – Il-fatt li dejjem għandna x'nagħmlu, dejjem imħabbtin qiegħed dejjem aktar isir skuża tajba biex nagħmlu li jogħġobna, jew li jaqblilna, jew biex ma nagħmlu xejn, speċjalment dwar dak li hu attenzjoni għal ħaddieħor.
2. *Ma narawhiex bħala Responsabbiltà tagħna* – Li wieħed iżur il-morda nqisuh biss dmir il-familjari, jew dmir il-qassis jew xi ħadd mill-grupp tad-djakonija tal-parroċċa. Imma fil-verità ta' min nagħrfu li dan huwa dmir tal-Knisja kollha kemm hi. Inkunu qed nonqsu sew mid-dmir nisrani tagħna jekk nitfgħu din ir-responsabbiltà fuq l-oħrajn.
3. *Niddubitaw il-Valur tagħha* – Dan id-dubju jissaħħaħ għax donnu il-ħin li nagħmlu fejn xi ħadd marid ma jirriżulta f'xejn konkret, f'xejn li jħalli l-frott. Imma fil-verità ta' min nagħrfu li l-preżenza tagħna u l-ħin maġenb pazjent qatt mhu ħela ta' ħin. Tama, kuraġġ u xi tagħlima nisiltu żgur.
4. *Ninjoraw il-fatt li dan il-ġest huwa obbligu Bibbliku* – Veru li mhuwiex kmand ċar,

*ikompli f'paġna 2*

daqs li nħobbu lil xulxin, u daqs li nxandru l-kelma tiegħu, imma xorta jibqa' l-fatt li Kristu u l-Appostli ħeġġew dejjem biex nieħdu ħsieb xulxin, speċjalment lill-morda (Mattew 25; Ġakbu 5).

5. *Nibżgħu mid-djgħufija umana* – Meta niġu biex inwettqu dan il-ġest ċertu biża' kapaċi taħkimna: biża' li nimirdu aħna stess, biża' li niffaċċjaw ir-realtà tal-marda u l-possibiltà tal-mewt; biża' għax ma nkunux nafu x'naqbdu ngħidu jew nagħmlu.

Għalkemm dawn kollha huma aspetti li tassew irridu niffaċċajaw, imma m'għandhom qatt isiru skuża sabiex ma nżurux u ma naqdux lill-morda u lill dawk li qegħdin fuq l-għatba tal-mewt.

**_Niskopru din l-Opra u r-realtajiet marbuta magħha billi nimpenjaw ruħna fiha_**

Għalkemm vera li jenħtieġ ċertu għarfien u prudenza, imma xorta jibqa' l-fatt li l-aħjar mod ta' kif wieħed jegħleb dawn l-iskużi, il-biżat u l-apatija huwa billi jeżamina qalbu u r-rutina tal-programm ta' ħajtu u jara li ma joqgħodx lura, imma jagħżel li jimpenja ruħu. U meta jagħmel hekk, wieħed mill-ewwel jibda jinduna li għandna diversi kategorija ta' nies morda:

1. *Għandna dawk li huma morda soċjalment għax iħossuhom iżolati* – Uħud mill-anzjani tagħna qed isibu ruħhom waħedhom kemm fid-djar u kemm f'residenzi jew faċiltajiet ta' kura, u qed ikollhom jiffaċċjaw il-fatt li ftit li xejn mill-qraba jew mill-ħbieb qed iżuruhom – xi drabi anke minħabba kwistjonijiet familjari jew ħinijiet twal fuq il-post tax-xogħol. Għaldaqstant, li wieħed iżur il-morda tfisser tabilħaqq li nilħqu lil dawn ħutna b'attenzjoni u ħbiberija, li tant jispiċċaw imċaħħdin minna għax bħal donnu jisfaw imwarrba u minsija. Hemm il-preżenza tagħna – biż-żjarat, bil-kartolini u bil-kliem ta' faraġ – tassew kapaċi tkun mediċina qawwija kontra l-mard li jagħlaq il-persuni fihom infushom.
2. *Għandna dawk li huma fiżikament morda* – Hawn forsi malajr nirraġunaw li ma nistgħu nagħmlu xejn għax l-assistenza medika tingħata biss minn nies imħarrġa. Imma dan ir-raġunament ukoll huwa żbaljat. Għalkemm verament huma t-tobba li jridu jirrakomandaw u jagħtu il-mediċini meħtieġa, imma hija l-preżenza ta' min iżur u jdur bil-marid li kapaċi tipprovdi d-dixxiplina u l-qawwa neċessarja biex il-mediċina mogħtija tittieħed kif suppost mill-pazjent.
3. *Għandna dawk li huma morda b'mod kroniku u terminali* – L-akbar diffikultà tinħoloq meta niltaqgħu ma' dawn il-persuni għax fihom nistgħu nibdew naraw biċ-ċar id-dgħufija tan-natura tal-bniedem, liema dgħufija toħroġna mill-*'comfort zones'* tagħna għax ikollna niffaċċjawhom anke jekk litteralment hemm ftit tama għalihom. Biss ejjew nagħrfu li l-preżenza tagħna, anke jekk għal ftit tal-ħin, marbuta mal-fatt li morna nisimgħu u nuru attitudni ta' ħbiberija tista' tfisser ħafna għalihom, ħafna aktar milli aħna stess nimmaġinaw. U anke għalina, għax mhux l-ewwel darba li nidħlu ħdejn xi wħud li jkunu f'din il-kundizzjoni u jispiċċaw jagħmlulna l-kuraġġ huma, u hekk jgħinuna niskopru d-don li nikbru fil-virtù tal-kompassjoni.

Imma fid-dawl ta' dan kollu dejjem jenħtieġ li lkoll inkunu sensittivi għall-ħtiġijiet individwali: xi persuni juru biċ-ċar li jippreferu jibqgħu fil-privatezza meta jkunu ma jifilħux. Hekk irridu nagħrfu nkunu umli u nistaqsu lil min hu marid kif nistgħu nkunu ta' għajnuna bil-preżenza tagħna. Biss bħala parroċċa ta' min nitħeġġu aktar biex:-

- Inżuru xi morda li nsiru nafu bihom;
- Inżuru xi djar fejn iduru bl-anzjani u sptarijiet;
- Nipprovu xi ikel lil dawk li għadhom kif ġew minn xi jiem fl-isptar;
- Nitolbu b'mod regolari għall-morda, kif ukoll nitolbu biex l-Ispirtu s-Santu jdawwalna ħa nagħrfu kif l-aħjar naqdu l-ħtiġijiet tagħhom, u mhux tagħna.
- Inħeġġu lil min hu marid u lill-familjari biex ma jiddejqux jitolbu lill-Kappillan jew lis-Sorijiet Dumnikani ħalli jmorru jqarbnuhom (Normalment it-tqarbin tal-morda jsir kull l-ewwel u kull tielet Ġimgħa tax-xahar).





***"Tonqosx milli żżur bniedem marid, għax b'hekk issir maħbub."* (Bin Sirak 7:35)**
Hekk naħseb li stajna niġu aktar konxji li din l-opra tal-ħniena hi tant sempliċi imma tant bżonnjuża u tant fundamentali biex inpoġġu fil-prattika l-ordni ta' Kristu li nieħdu ħsieb u naqdu lill-poplu tiegħu fil-mumenti tal-akbar ħtieġa, tant li naslu nagħrfu li l-isptarijiet huma tabilħaqq post privileġġat fejn il-ministeru li fdalna Ġesù jitwettaq.

***Dun David Farrugia***

# Id-Djarju tal-Parroċċa – Ġunju 2016

**Il-Ġimgħa 3 ta' Ġunju – Il-Qalb ta' Ġesù** - *L-Ewwel Jum tal-Kwaranturi*
Mit-8:15am 'il quddiem - Adorazzjoni personali
Fis-6:00pm Adorazzjoni animata mill-membri tal-MUSEUM, it-tfal tad-Duttrina u l-Abbatini.
Fis-6:30pm Quddiesa
Fis-7:00pm Adorazzjoni animata mill-membri tal-K.P.P. li tagħlaq bil-Barka Sagramentali.

**Is-Sibt 4 ta' Ġunju –** *It-Tieni Jum tal-Kwaranturi*
Mit-8:15am 'il quddiem - Adorazzjoni personali
Fis-6:30pm Quddiesa
Fis-7:15pm Barka Sagramentali.

**Il-Ħadd 5 ta' Ġunju – Festa tal-Qalb ta' Ġesù** - *It-Tielet Jum tal-Kwaranturi*
Mill-10:45am 'il quddiem - Adorazzjoni personali
Fil-5:30pm Adorazzjoni animata mill-Kappillan, mill-Fratellanzi u l-Kor 'Sine Macula'
Fis-6:00pm *Quddiesa tal-Qalb ta' Ġesù* animata mill-Kor 'Sine Macula'
Fis-6:45pm *Purċissjoni* bis-Santissimu Sagrament bis-sehem tal-Fratellanzi u tat-tfal tal-Ewwel Tqarbina li fiha jsir l-att ta' konsagrazzjoni lill-Qalb ta' Ġesù.
Tagħlaq bil-Barka Sagramentali fuq iz-Zuntier, u ġġib fi tmiemhom il-Kwaranturi.

**Il-Ħamis 16 ta' Ġunju**
Fis-7:15pm Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**Il-Ħadd 19 ta' Ġunju** – ***Jum il-Missier***
Fis-6:00pm Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(Ma ssirx fil-knisja)*

**It-Tnejn 20 ta' Ġunju** – *Anniversarju Saċerdotali:* Kan. Louis Farrugia – 13-il sena (2003)

**L-Erbgħa 29 ta' Ġunju Solennità ta' San Pietru u San Pawl - L-Imnarja**
*Anniversarju Saċerdotali:* Kan. David Farrugia (Kappillan) – 12-il sena (2004)

Mit-Tnejn 27 ta' Ġunju sal-Ġimgħa 1 ta' Lulju
**Ġimgħa ta' Tagħlim** quddiem il-Kappella ta' Santa Marija



***Ingħaqdu fiż-Żwieġ***
Yanes Roderick Desira
u Claranne Marie Micallef



***Daħlu fil-ħajja ta' dejjem***
Antonia D'Amato